**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Katrina Bugeja bint Grezzju u Mary xebba Farrugia, imwielda Pietà nhar is-27 ta' Settembru 1994, residenti 3 Sqaq Sant' Antnin, Żurrieq u detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 426494M**

*Kumpilazzjoni Nru. 138/2021*

**Illum:** 31 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Katrina Bugeja** u ċioè talli:

B'diversi atti magħmula minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Talli bejn ix-xhur ta'Ġunju 2017 u Diċembru 2017 u fi żmien ta' qabel u wara, ġewwa tas-Sliema u kif ukoll fi bnadi oħra Malta u Għawdex u f'dawn il-Gżejjer approprjat ruħha billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra is-somma ta' madwar €17,209.34 , somma ta' ħaddieħor u ċioe' tal-kumpanija/soċjetà magħrufa bħalha Malta Public Transport, jew ikkunsinnata lilha b' titolu li jġib miegħu l-obbligu ta' radd tal-ħaġa jew li jsir minnha użu speċifikat meta l-ħaġa ġiet fdata jew kunsinnata lilha minħabba professjoni, industrija kummerċ jew amministrazzjoni kariga jew servizz u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' Malta Public Transport għamlet xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija Katrina Buġeja sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnha misruqa jew li hi kienet xjentement laqat għandha b'riċettazzjoni jew akkwistat bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li tħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Settembru, 2022, permezz ta' liema bagħtet lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 15A(1), 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

L-uffiċjal investigattiv **l-Ispettur Christabelle Chetcuti** spjegat l-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija wara kwerela li din rċeviet mill-Malta Public Transport, aktar il-quddiem imsejjħa "il-kumpanija" jew "MPT".[3] Riċerki mal-banek ma indikaw l-ebda attività suspettuża. Spjegat kif boroż li tagħhom Bugeja kellha żżomm rendikont tas-*serial number* baqgħu ma nstabux meta suppost dawn tpoġġew ġewwa *safe* li kien jinġabar ta' kuljum minn *personnel* ta' City Security għajr għal Ħdud u Festi. Iddeskriviet kif is-*security personnel* kellhom *code* u ċavetta tas-*safe* u kienu jiġbru dak depożitat fih fil-presenza tat-*ticket booth seller, "kull borża kien ikollha irċevuta mwaħħla fejn din kienet tiġi mgħoddija lit-ticket booth seller li jkun hemm dak il-ħin."* Din kienet titħalla biex il-persuna li tkun iddepożitat dik il-borża, meta terġa tkun xogħol,

[1] Fol.294
[2] Fol.304
[3] Fol.73

iżommha bħala riċevuta għaliha. Minn fuq il-post il-boroż kienu jittieħdu l-Eurochange biex il-flus jingħaddu w l-MPT tiġi nfurmata bl-ammont tal-boroż u flejjes. Dawn kienu jiġu depożitati fil-kontijiet tal-kumpanija. Meta il-kumpanija għamlet rikonċiljazzjoni tal-ammonti depożitati, ġie osservat li kien hemm diskrepanzi bejn dak li Bugeja kienet tiddikjara li ddepożitat u dak li nstab mill-Eurochange. L-ammont li oriġinarjament ġie kkonstatat bħala li kien nieqes kien ta' l-fuq minn sbatax il-elf ewro. Il-pulizija ingħatat kopji ta' riċevuti li nġabru minn City Security.[4] L-imputata kienet ilha taħdem sitt snin mal-kumpanija w stqarret li għalkemm kienet iżżomm ir-riċevuti tal-kollega, li kienu jappartjenu boroż depożitati mill-istess kollega, għamlet dan għaliex hekk kienet qaltilha tagħmel il-kollega tagħha, filwaqt li għar-riċevuti li jirrigwardaw il-boroż li ddepożitat hi, ma kienitx iżżommhom.[5]

Jgħin fl-investigazzjoni kien hemm ukoll **PC856 Conrad Falzon** li spjega kif kien tkellem ma Rita Bonavia, l-kollega tal-imputata fl-istess *ticket booth,* li spjegat l-operat tagħhom x'kien. Tkellem ukoll ma diversi *security guards* ta' City Security li kienu jiġbru l-boroż u jeħduhom il-bank. Dawn spjegaw li ċavetta għal-*booth* ma kellhomx iżda s-*safe* kien jinfetaħ b'*code* u ċavetta. La Bugeja u lanqas Rita Bonavia ma kellhom ċavetta għas-*safe*. Dawn is-*securities* kienu jiftħu s-*safe,* jgħoddu l-boroż, jinfurmaw lill-kaxxiera kemm kien hemm boroż u jagħtuhom riċevuta.[6]

Fl-**istqarrija**[7] minn tagħha, konfermata mill-Ispettur Christabelle Chetcuti,[8] Bugeja tispjega li kienet taħdem bħala *ticket seller* mal-MPT. Taħdem *day in, day out* fejn il-bejgħ tal-biljetti li kien isir mal-ġurnata kien jinġabar sabiex għall-ħabta ta' 6.30pm tibda tagħlaq il-cash, *"nara li nkun qbilt, nitfa l-flus go borża u go safe. Kont nibghat email lil tal-financial department bil-pack number u bl-ammont li iddepozitajt go fih"*. Il-boroż kienu jinġabru minn ta' City Security sabiex jiġu depożitati l-bank, *"Gewwa l-booth kien jidhol security wiehed, jiehu l-boroż mis-safe, mbad kif ilesti, kien itieni karta niffirmaha u kont inpoġġi din il-karta go ġenb fuq il-bank."* Ċerta Rita kienet tagħatha struzzjonijiet biex dawn il-karti jitħallew fil-ġenb fuq il-bank biex ssibhom meta tidhol għax-xogħol.[9] Qalet li għalkemm anke hi kienet sabet karti simili meta kien imissha xogħol, qatt ma staqsiet dwarhom. Is-*safe* tgħid ma kellhiex aċċess għalih u kien jinfetaħ mis-*security* biss. Tiddikjara li kienet tiffirma fuq karta li kienet tindika l-*bag number* tal-borża li tkun bil-flus għalkemm iżżid li qatt ma kienet tara il-borża *per se* peress li din tkun laħqet ittieħdet mis-*security* w tingħalaq fil-bagalja tiegħu. Bugeja

[4] Fol.73-74
[5] Fol.74
[6] Fol.83-84
[7] Fol.8-12. Kopja oħra esibita a fol.77 et seq bħala **Dok.CC**
[8] Fol.74
[9] Fol.9

stqarret li l-boroż kienu ta' lewn griż u kienu jkunu fil-*booth.* Meta tibgħat *email* kienet tibgħat l-aħħar ħames numri tal-*pack number*. Wara li borża kienet titpoġġa fis-*safe* ma kienx hemm aktar aċċess għaliha għaliex kienet tiżżerżaq għan-naħa t'isfel tiegħu.[10] Tiċħad li ħadet xi flejjes għaliex ċavetta tal-post w aċċess għall-boroż mhux hi biss kellha.[11]

**Aaron Falzon,** li fiż-żmien l-imputazzjonijiet odjerni kien *financial controller* tal-MPT, iddeskriva kif għall-ħabta ta' nofs Diċembru 2017, ġie mgħarraf b'boroż ta' *deposits* neqsin. Falzon spjega l-proċedura operata fejn Bugeja u ċertu Rita Bonavia kienu jaħdmu *day in day out* f' *ticket booth* f' tas-Sliema. Il-pagamenti kienu b'*visa* jew kontanti w is-*sales agents* fl-aħħar tal-ġurnata kienu jagħmlu rendikont tal-qliegħ u jqabbluhom mas-*sales*. Meta kienet timtela formola tad-*daily settlement* kien jiġi indikat mhux biss l-ammont tal-*cash,* li kien irid jaqbel mal-*cash* li jintefa fil-borża, iżda wkoll id-denominazzjoni tal-flus kontanti riċevuti.[12] Din il-borża tiġi depożitata ġo *safe* li jappartjeni lil City Security fejn, ġaladarba borża tiġi mpoġġija fis-*safe,* ma jkunx hemm aktar aċċess għaliha.[13] Kif appena sar jaf bid-diskrepanza fil-flejjes beda investigazzjoni li kienet tikkonċerna aktar minn borża waħda. Mir-*renconciliation exercise* fuq boroż li ġew depożitati minn Bugeja irriżultaw aktar flejjes neqsin.[14] Fiż-żmien li kien qed issir dan ir-*reconciliation exercise*, kien inbeda każ ta' dixxiplina fil-konfront ta' Bugeja quddiem ic-*Chairperson* Franco Masini.[15] Meta Bugeja tkeċċiet ir-rikonċiljazzjoni rriżultat f' diskrepanza ta' €10,000. Ikompli *"Sadanittant ahna komplejna xorta waħda bir-reconciliation u finalment meta ghalaqna ir-rikonciljazzjoni sibna li Katrina kienet qalet li iddepożitat l-ammont ta' sbatax il-elf li dawn is-sbatax il-elf gol-basktijiet li qalet qatt ma kienu ngabru. Issa dawn il-boroż wara li jingabru minn kumpanija indipendenti li jisimha CT Security, meta jingabru CT Security jaghti karta lit-ticket booth seller fejn is-CT Security officer jikteb fuq il-karta l-boroż li jkun qed jiġbor minn gos-safe. L-istess safe ma jistax jinfetaħ jekk ma jkollokx pin u cavetta. Il-pin kien ikun ghand ic-CT Security u c-cavetta kienet tkun ghand is-sales agent jigifieri dawn waħda minghajr l-iehor ma setghux jiftuh is-safe. Meta jinfetaħ is-safe jingabru l-boroż, CT Security jikteb fuq karta x'boroż qed jiġbor, jikteb id-data wkoll u jiffirmaw kemm is-CT Security officer u kemm ukoll is-sales agent. Jigifieri s-sales agent ikun jaf x'boroż qed jingabru dakinhar. Issa kemm infakkar li ovvjament jekk jiena kont xogħol illum u l-għada gew CT Security, mela jien iddepozitajt il-borża llum u l-borża tieghi ngabret l-għada dment jekk ma kienx ikun xi Hadd jew festa. Il-Hdud u l-festi ma jingabrux il-boroż. Issa, CT Security wara li jiehu l-boroż jehodhom fil-hub tiegħu fejn jghaddihom lill-kumpanija oħra li illicenzjata mill-awtorita tal-finanzi li jisimha*

[10] Fol.10-11
[11] Fol.11
[12] Fol.17-18
[13] Vide ritratt tal-mudell tas-*safe* partikolari, **Dok.AF** a fol.28
[14] Fol.18
[15] **Dok.AF1** a fol.29 et seq

*Eurochange. Eurochange jifthu l-boroż, jghoddu l-cash li jkunu sabu f'dawn il-boroż, jiccekjaw mal-karta li s-sales agent ikun ha bħala cash u jekk isibu xi differenzi jibghatulna fid-daily report li nircievu fil-finance department x'boroż infethu, kemm kien fihom u jekk kienx hemm xi diskrepanzi.....".*[16]

Bħala awditur beda jindaga x'seta' ġara fejn anke ltaqa ma tas-City Security tant biex jipprova jifhem minn seta' kien involut. Dawn għaddew kopji tal-karti li s-*sales agents* kienu iffirmaw. Ix-xhud wera kif il-borża[17] ta City Security tiġi *sealed* bil-parti ta' fuq tagħha tinqata' u tingħata lis-*sales aġent* li jieħu l-parti li tkun ta' borża depożitata minnu; meta jkun hemm borża li tkun ta *sales agent* ieħor, jagħmilha ġo *tray* biex jieħu ħsiebha dak is-*sales agent* partikolari meta jirritorna għax-xogħol. Dik il-parti tal-borża hi l-prova li l-borża inġabret mis-*security.*[18] Peress li fuq il-boroż ikun hemm il-*bag number*, ġie investigat min kien responsabbli ta' kull borża għaliex meta jsir id-*daily settlement* jiġi indikat dak in-numru w kemm inkun fiha *cash* li ġie depożitat fiha. **<u>Il-*bag number* li jkunu ddepożitaw flimkien mal-ammont depożitat jinkiteb fuq *Excel sheet* mis-*sales agent* partikolari.</u>**[19] **Irriżulta li għalkemm l-*excel sheet* imtliet, il-boroż ma ġewx depożitati** u fuq l-*excel sheet* ikun hemm isem is-*sales aġent* li iżda jimtela *electronically* u mhux bil-kalligrafija tas-*sales agent* partikolari.[20] Id-*daily settlement sheets* in kwistjoni lkoll ġew esibiti.[21] Fuq kull formola ta *daily settlement* jidher manifestament il-*bag number* relattiv fit-tarf tal-imsemmi dokument. Dawn jirreferu għad-dati tas-6 ta' Ġunju; 2 ta' Lulju, 4 ta' Lulju, 25 t'Awwissu, 20 ta' Settembru, 22 t'Ottubru, 24 t'Ottubru, 9 ta' Diċembru u 11 ta' Diċembru, 2017.

Falzon ikompli li Bugeja ammettiet li l-boroż neqsin, xi disgħa (9), kienu tagħha u fil-fatt hu vverifika li dawn il-boroż kienu ta' ġranet fejn is-*sales agent* kienet l-imputata.[22] Jispjega li mill-investigazzjoni kondotta minnu *"On the 6th kienet qed taħdem hi u iddepożitat, qalet li iddepożitat il-borża 4473-2*[23]*..... l-gurnata ta' wara bazikament kien hemm sales agent iehor, oħra, s-soltu Rita Bonavia, kienet qeghda taħdem u iddepożitat il-borża tagħha wkoll. Jigifieri on the 7th li kienet public holiday ma kienx hemm gbir u sa issa gos-safe kien hemm zewg boroż. Il-gurnata ta' wara, li kienet l-8th ta' Gunju, Katrina regghet kienet xogħol. Meta ġie CT Security jiehu l-boroż hi ffirmat ghall-borza waħda, nahseb wara din l-esperjenza kollha li ghandha nahseb kienet taf li hemm zewg boroż u mhux waħda."* Dan jidher mill-fatt li filwaqt

---

[16] Fol.18-19
[17] **Dok. AF5** a fol. 39
[18] Fol.20-21
[19] Fol.21
[20] Fol.22
[21] **Dok.AF6** a fol.40 et seq
[22] Fol.23. **Dok.AG7** a fol.49-51
[23] **Dok.AF6** a fol.40

li intbagħtet *daily settlement form* għall-borża nru. 32991 għad-9 ta Diċembru 2017, bl-introjtu depożitat kif indikat ikun dak ta €1,563.69c, fil-formola tal-ġbir minn City Security din il-borża ma ġietx indikata.[24] Iżid li kien biss rigward disgħa (9) boroż li kien hemm irregolaritajiet bil-kumplament dejjem ġew reġistrati w proċessati sew mill-imputata.[25] Kien hemm okkażjoni fejn Bugeja iffirmat għal żewġ boroż meta kienet taf li kien hemm tlieta tant li anke ikkonfermat b'*email* li suppost kellha tnejn u mhux waħda kull wieħed. L-istess seħħ f'xi erba' istanzi fejn għalkemm kienet taf sew kemm kien hemm boroż Bugeja iffirmat għall-waħda anqas.[26]

Falzon jispjega li Bugeja bilfors kienet tkun taf li kien ikun hemm żewġ boroż u mhux waħda għaliex, filwaqt li tkun iddepożitat tagħha għal jum li kienet xogħol fih, meta l-għada kien ikun xogħol ħaddieħor u jiġi tas-*security* fil-jum li tkun reġgħet xogħol, dan jiġbor iż-żewġ boroż u mhux waħda.[27] Iżid li **mal-boroż kien ikun hemm anke l-*slip* relattivi li jfisser li din kienet tkun taf liema kienu l-boroż tagħha**. Il-kollega tagħha kienet titlobilha wkoll meta kienet tidħol lura xogħol biex iżomm rendikont li l-borża tagħha inġabret. Issemmi kif meta rinfaċċjata b'dawn l-allegazzjonijiet Bugeja għall-ewwel qalet li ramithom għax ma kienitx taf li kellha żżommhom għal aktar minn xahar iżda meta dehret quddiem il-bord ta dixxiplina ġiet b'ħafna minnhom. Dan isib korroborazzjoni fir-Rapport tal-Bord. Falzon esibixxa *scan* tac-*chits* ta' boroż li qatt ma nġabru minn City Security[28] liema dokument[29] ukoll juri min kien l-uffiċjal li ġabar il-boroż rispettivi. Riprodott Falzon jikkjarifika li t-*ticket sellers* ma kellhomx aċċess għal Excel files ta' xulxin għaliex *"bazikament kull excel file huwa locked ghal kull individwu. Jigifieri ma setax ikun il-kaz lanqas. Apparti minn hekk iccekkjajt ukoll oltre li t-ticket booth sellers kienu jinbghatu emails minghandhom mill-outlook personali taghhom bl-ammonti li jikkonfermaw kemm gabu dakinhar ukoll."*. Stranament meta jitqies l-importanza ta' dawn il-*mails* jammetti li dawn il-*mails* ma kienux jintbagħatu ta' kuljum kif suppost, u jsemmi kif dawn il-*mails* kienu jinżammu mis-*sales manager* Jean Marc Camilleri. [30]

Tenut kont tal-fatt li MPT tagħti importanza għall-fatt li fil-kors tal-proċeduri ta' dixxiplina l-imputata ħadet numru ta' dawn ic-*chits* magħha, hu stramb li l-Bord jew l-istess kumpanija, ma żammitx kopja jew rendikont tagħhom. Dawn kienu indubbjament ser iservu bħala prova in segwitu tal-proċeduri penali, li l-kumpanija kienet bi ħsiebha tieħu fil-konfront tal-imputata.

---

[24] **Dok.AF8** a fol.52.
[25] Fol.23-24
[26] Fol.24
[27] Vide **Dok.AF8** a fol.52
[28] **Dok.AF10** a fol.
[29] **Dok.AF11** a fol.62
[30] Fol.154-155

Ġie esibit il-kuntratt t'impjieg tal-imputata li nbeda fl-1 ta' Novembru, 2015[31], liema kuntratt ġie konfermat mill-*Human Resources Director* **Roderick Bajada**[32] li wara d-deċiżjoni tal-bord, kien hu li ffirma t-*termination letter* tal-imputata.[33]Dr. Laura Calleja ikkonfermat l-awtenticita tal-kopja esibita.[34]

**Jean Marc Camilleri,** *sales manager*, spjega kif il-kumpanija MPT sabu diversi *deposit bags* neqsin li rriżultaw kollha kienu tal-imputata. Inħarġitilha *charge* fejn ġew indikati il-ġranet li tagħhom ma kienux ġew depożitati l-boroż. [35] Iddeskriva kif is-*safe* huwa *"non-return"* u ċioe fejn id-*deposit* ma jistax jiġi *retrieved* għax jaqa' fis-*safe*. Ir-*reconciliation* li minnha rriżultaw il-flejjes neqsin saret mil-finanzi. Indunaw bil-boroż neqsin f'Diċembru u dawn kienu jirrisalu għal Lulju tal-2017. Jirrimarka li fic-*charge letter* kien hemm żball li jirrigwarda il-jum tal-10 ta' Lulju, 2017.[36] Riprodott esibixxa għadd ta' dokumenti li juru l-bejgħ tal-ġurnata, liema dokumenti jintbagħatu lill-kumpanija mill-aġent partikolari: *"l-aġent is-soltu wara l-ġurnata ta' bejgħ tiegħu, jibgħat declaration tal-bejgħ tiegħu u d-deposit li jkun għamel tal-cash, u kull aġent huwa obbligat li jibgħat din l-email, bl-ammont li ser jiddepożita ta' cash u n-numru tal-borża….. [l-email] Ikun fih kopja ta' ċertu Excel sheet, li jkun break-down tal-bejgh li jkunu għamlu, breakdown tas-sales li saru cash u sales credit card, u fl-email ikun hemm miktub l-ammont ta' cash li ħa jiġi ddepozita flimkien man-numru tal-borża tas-security.*[37]*…… Ix-xogħol ta' sales agent huwa li jagħmel top ups fuq Tallinja cards, idaħħal il-cash minn dawk it-top ups, jista' jkun jew cash jew credit card dak iż-żmien, u fl-aħħar tal-ġurnata jagħti rendikont lid-dipartiment finanzjarju rigward dak li jkun biegħ matul il-ġurnata. ….Għandi kopji ta' emails illi f'dan il-każ is-sales agent involut kienet bagħtet lid-dipartiment tal-finanzi tagħna."*[38] Camilleri esibixxa l-*emails* rigwardanti l-fondi li ma daħħlux fil-kontijiet tal-kumpanija liema *emails* fihom *"id-declaration li suppost taghmel wara l-gurata tas-sales"*.[39]

Il-Qorti tinnota li l-*emails* intbagħtu fl-aħħar tal-ġurnata ftit qabel is-7pm tal-istess jum li tiegħu ikun sar id-*daily settlement.* Dawn id-*daily settlements* jirrigwardaw is-segwenti dati, ammonti u *serial numbers* tad-*deposit bags*:

| | | |
|---|---|---|
| 6.6.2017 | €2,579.98 | 4473-2 |
| 02.07.2017 | €2,478.31 | A2437-33 |
| 04.07.2017 | €3,136.33 | a263082 |

[31] **Dok.AF9** a fol.54-58
[32] Fol.96
[33] Fol.97
[34] Fol.298
[35] Fol.91-92. **Dok.JMC** a fol.94-95
[36] Fol.93
[37] Fol.164-165
[38] Fol.261
[39] **Dok. JMC1** a fol. 263 et seq.

| | | |
|---|---|---|
| 20.09.2017 | €2,959.98 | 0498-3 |
| 24.10.2017 | €1,896.56 | 0548-5 |

**Shanice Camilleri**, *finance assistant* ma MPT, iddeskriviet il-komunikazzjonijiet li kellha permezz ta' *emails* mal-imputata. Tispjega *"Kull l-ahhar tax-xahar konna nibghatulhom fejn konna nibghatulhom u nghidulhom jekk humiex under jew over kull xahar, jigifieri nibghatulhom kemm suppost iddepozitaw u kemm vera ddepozitaw biex huma jkollhom ukoll qisu balance ta' kollox u wkoll ghandi emails fejn qed nitlobha l-ircevuti bħala prova li vera ddepozitathom dawn li qeghdin neqsin"*. Id-depożitu ma kienx sar u lanqas ma bagħtet riċevuti għaliex qalet li ma kellhiex u dan meta City Security kienet tagħti riċevuta lit-*ticket seller* meta tiġbor il-boroż. Sa Diċembru, 2017 l-ammont dovut mingħand l-imputata għal Settembru kien €2900 għalkemm l-*emails* esibiti minnha jindikaw ammont uniku ta' €2,959.98.[40] Ix-xhud tgħid ukoll li għax-xahar ta' Novembru ma kienx hemm ammonti neqsin.

**Rita Bonavia** xehdet li kienet taħdem fit-*ticket booth* tas-Sliema *day in day out;* talterna mal-imputata. Kien għalhekk li ġiet mitkellma mill-pulizija fejn spjegatilhom il-proċedura operata rigward bejgħ ta' biljetti Esplora Cards u tal-Linja Cards. Tispjega kif kienu jinġabru l-flus *"Jigi l-van tas-security u tiftah, ihabbatlek u titfahlu. Issa ahna konna zewg kmamar. Konna hawnhek bit-tieqa li trid taqdi in-nies u l-kamra l-oħra fejn kien hemm is safe. Inti tiftahlu, ssakkar il-bieb, hu jmur fil-kamra u ahna jien immur quddiem it-tieqa biex taqdi in-nies. It-tieqa ma jinghalaqx. Inti tibqa' man nies avolja hemm xi haddiehor fil-karma l-oħra. Is-security jaghmel li ghandu jaghmel, jiehu l-envelopes minn gos-safe, jiehu l-envelopes min gos-safe u jaghlaq is-safe, jiktiblek note bħala ricevuta li ha dawn il boroż, u jtihulek. Tiftahlu l-bieb u jitlaq."*.[41] Fuq il-borża ma kienx ikun hemm l-ammont tal-flus iżda fil-borża kien ikun hemm *paper slip* mal-flus. Lanqas ma kien jiġi iffirmat fuq l-irċevuta kemm ikunu għaddew flus iżda biss il-*bag number*.[42] Ikkonfermat li meta kien jasal is-*security* kien ikun hemm is-*sales agent* fil-*booth* li kienet tiffirma fuq *receipt book* tas-*security* wara li jkun ha dak li kellu jieħu mis-*safe*.[43]iżid li l-boroż kellhom *serial number* li kien ikun riprodott fuq parti mill-borża li titneħħa. Dan l-istess *serial number* kien jitniżżel fuq il-parti tal-borża li kienet tiġi *detached*. Kompliet tispjega kif kien jinżamm rendikont ta' *sales* billi timtela l-*excel sheet* mis-*seller* rispettiv, liema *sheet* jidrilha kellu aċċess għaliha is-superjur tagħhom iżda ma kienitx waħda *shared*.[44] Lejn tmiem ix-xiehda tagħha Bonavia ssostni li meta hi jew l-imputata kienu jkunu bis-*sick leave* jew bil-*leave,* kienu jiġu <u>sostitwiti minn persuna li ma kienitx tidher fuq ir-*roster*</u> – għalkemm

---

[40] Fol.137-140. Vide **Dok.SC** a fol.142 et seq
[41] Fol.102-103
[42] Fol.103
[43] Fol.104
[44] Fol.105-106

jingħad li Bugeja ma tagħmel l-ebda allegazzjoni simili għad-difiża tagħha. It-tieni dikjarazzjoni, kemm xejn inkomprensibbli għal fini ta' kontrolli u serħan il-moħħ tal-istess *ticket sellers*, hi li dawn ma kienux iqabblu is-*serial numbers* tal-boroż li kienu jiġu miktuba mis-*security* fuq il-boroż li jkun ġabar, *"Le"*.[45]

**Eric Farrugia,** li fiż-żmien l-imputazzjonijiet addebitati kien *courier* ma City Security, spjega li kien ikun biss filgħodu li mill-bażi tagħhom f'Ħal-Luqa, l-*couriers* jiġu assenjati il-postijiet fejn iridu jmorru.[46] Dwar it-*ticket booth* max-Xatt f'Tas-Sliema jgħid li l-ewwel irid jiftaħlek min ikun ġewwa għax ma stajtx taqbad u tidhol, *"min ikun qiegħed ġewwa jiftaħlek, tajjeb, tidħol ġewwa, kien ikollna ċavetta u code, fil-preżenza tal-persuna li tkun ġewwa, niftħu s-safe, issa kien hemm borża – kemm ikun hemm boroż jittieħdu, jew borża waħda, tnejn, eċċetra. Kien ikollna ktieb, inniżlu kollox fil-borża, il-borża per se li kien ikun fiha x-xogħol fiha kien ikollha żigarella, tinqata' u nattachjawha mal-karta l-bajda. U r-roża u s-safra kienet tingħaqad mal-borża per se. U konna nitfgħuha fid-drop safe tal-vann, fil-cash van….. As such aħna bħala couriers, jekk ġejna għandek aħna inti ħa ttini x-xogħol, tiffirmali u nitlaq. … Jien kont niffirma fuq il-borża* <u>*bil-firma ta' min ikun qed jieħu ħsieb il-post"*</u>.[47] <u>Ikompli li r-*receipt book* kien ikun fih tlett paġni, bajda, roża w safra</u> *"Issa l-bajda konna npoġġuha maż-żigarella bil-pakkett. Issa l-pakkett per se li konna nieħdu – issa jekk ikollok wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa – kollha kien ikollok il-karta r-roża, tweħħilha magħha, indaħħalha fil-vann, jiċċekkjaha d-driver, li biex inkun xiehda ta' xulxin illi daħlet il-borża u kemm hemm imniżżel hemm boroż, u nitfgħuha fid-drop safe tal-cash van."* Farrugia jikkonferma li fuq l-riċevuta ma kienx ikun hemm l-ammont tal-flejjes iżda din kienet <u>tiġi iffirmata minn min kien ikun fil-*booth*</u> kif ukoll minnu ġaladarba ikun ġabar il-borża. [48]

**Joseph Grima**, li għamel żmien jaħdem bħala *courier* ma City *Security*, għaraf l-imputata li kienet tkun go *ticket booth* tas-Sliema. Dan spjega kif meta jidħol ġol-b*ooth* kien idaħħal *code,* <u>jingħata jew jieħu</u> ċavetta fejn hu kien dak li jiftaħ is-*safe* wara li jdaħħal il-*code* u juża ċavetta: *"Tiftaħ is-safe, toħroġ il-boroż, tara li m'hemmx iktar boroż, is-safe kien jixgħel ukoll, iġifieri jurik li m'hemmx boroż, tagħmel l-irċevuti, jkollok* <u>*tlieta irċevuti*</u>*. Waħda tħalliha mat-ticket booth, it-tnejn l-oħra tikklippjahom mal-boroż li ssib. Dawn innumerati, il-boroż m'għandhomx kif tista' bħal speċi jien naf tgħid ħa nagħmel borża għax tqattgħet jew hekk – jekk tqattgħet għandek proċedura sħiħa, trid iċċempel u ħafna affarijiet. Mela. Għandek il-boroż iddaħħalhom il-unit, il-unit jirreġistra l-boroż tiegħek, iqabbel mar-run, il-boroż kollha li tkun ġbart, u mbagħad tħalli l-irċevuti l-unit."*. <u>L-irċevuti kienu jiġu iffirmati minnu u min</u>

---

[45] Fol.106
[46] Fol.120-121
[47] Fol.121
[48] Fol.122

ikun fit-*ticket booth* filwaqt li l-boroż ma kien ikollhom xejn indikat fuqhom ***"Setgħu kienu karti biss. Setgħu kienu vojta".***[49]

**Mark Gatt** jikkorobora dak li qalu kollegi tiegħu fl-istess xogħol, *"jiena per każu kont nasal hemmhekk bil-vann, bil-cash van, nippruvaw nipparkjaw viċin kemm jista' jkun tat-ticket booth. Niġbdu l-attenzjoni ta' min kien ikun hemm fit-ticket booth biex jarana – għax peress li l-bieb tat-ticket booth kien ikun imsakkar. Inħabbtulha, tiftħilna, u nidħlu. Niftħu s-safe flimkien, niftħu s-safe flimkien, u naraw kemm hemm ammonti. Aħna kellna x'naqsmu mal-boroż, mhux mal-ammont ta' flus. Ġieli nsibu borża, tnejn, tlieta. Nagħmlu rċevuta, niffirma jien, tiffirma min ikun hemm il-persuna, u nagħtiha l-irċevuta, u noħorġu 'l barra. Terġa' tagħlaq warajna."* Deherlu li għaraf lill-imputata bħala persuna li kienet tkun fit-*ticket booth "Kienu jgħidu - kien ikun hemm waħda Rita, u waħda Katrina. … U ġieli kien ikun hemm ġuvni, jew raġel, ma nafx."*.[50] L-irċevuti kienu jiġu iffirmati minn min ikun fuq il-post iżda huma ma jkunux jafu x'hemm fil-borża għax kull ma kellhom kien in-numru tal-borża partikolari. Jikkonferma li meta kien imur ħdejn is-*safe,* kien ikun hu flimkien mal-persuna li tkun xogħol fil-*booth* tant li *"meta kont immur jien dejjem kien jiġi xi ħadd niftħu s-safe flimkien"* u kien **jiġbor il-pakketti fil-presenza tal-persuna l-oħra**.[51] **Michael Zammit** min-naħa tiegħu jisħaq li meta jiġbor il-boroż ma kienx ikun akkumpanjat minn xi impjegat iżda wara li dawn jinħargu mis-*safe* min ikun xogħol kellu jiffirma fuq riċevuta li tindika l-boroż li ttieħdu, issir *reconciliation, "L-ewwel kont narahom jien, imbagħad qisu minn hawn u ħdejk, hekk, kont immur fuq dik il-persuna, ngħidilha kellkom tlieta…."***.** B'hekk kienu huma t-tnejn li kienu jiffirmaw u jikkonferma li ma kienx ikun hemm indikazzjoni dwar il-kontenut tal-boroż. Ix-xhud identifika lill-imputata bħala li kienet tkun taħdem fil-*booth.*[52] **Emanuel Tonna** jikkonferma l-proċedura mħaddma mill-*couriers* fejn b'*code* kien jinfetaħ is-*safe* wara li t-*ticket seller* kienet tgħaddilu ċavetta, *"Niehu l-borża, naghmilha gol-bagalja u nikteb ircevuta u ntiha wahda, tiffirmali u jiena jkolli oħra."*[53] Kienu jkunu tlieta l-kopji tal-ircevuti *"wahda ghalina fil-ktieb, wahda ntiha lil min kien ikun hemmhekk fl-ufficju u wahda nwahhalha mal-borza biex x' hin indahhal ix-xogħol ikollhom rendikont minn fejn ingabret u fi x' hin."* Min ikun xogħol kien jiffirmalu l-irċevuta w iżomm waħda għalih. Fuq il-boroż ma kienx ikun hemm l-ammont tal-kontenut indikat.[54]

L-imputata **Katrina Bugeja** għażlet li tieħu l-pedana tax-xhieda w bdiet biex tispjega li kienet ilha madwar sentejn taħdem bħala *ticket seller,* fejn serviet f'Mater Dei u l-Airport, imbagħad għamlet madwar sena taħdem fil-*booth* f'Tas-

[49] Fol.123-124
[50] Fol.125
[51] Fol.126
[52] Fol.127-128
[53] Fol.159
[54] Fol.160-161

Sliema.[55] Spjegat li kienet taħdem *day in day out* u fl-aħħar tal-jum tibgħat *email* wara li tara ġietx *over* jew *under* u tiddepożita d-dħul. L-għada kienet tidħol persuna oħra li kienet tiffirma għall-boroż tagħha. Fl-*email* kien jiġi indikat il-*bag number* u l-ammont tad-*deposit*.[56] Il-jum ta' xogħol kien bejn is-7am u 7pm bis-*security* jiġi jiġbor id-*deposit* qabel il-12pm.[57] Meta tas-*security* kien jidħol jiġbor il-*bags* hi kienet tibqa taqdi lin-nies iżda kienet tiffirma l-karta mingħajr ma tkun taf x'boroż qed jiġbor. Ma kienx ikun hemm *handover* bejn il-kollegi. Is-*safe* kien tbiddel, bl-aħħar verżjoni tiegħu tkun ta' wieħed qisu kexxun li ddaħħal id-*deposit bag* fih. Biex turi kif kien jaħdem dan is-*safe* ippreżentat *pendrive* b'filmat għalkemm id-dati m'għandhomx x'jaqsmu mal-imputazzjonijiet peress li żammet *record* ta' kif kien jitħaddem is-*safe* meta bdiet tiġi investigata.[58] Bugeja issemmi li kien biss f'Diċembru 2017 li ġiet mgħarrfa fuq id-*deposit bags* neqsin. Meta staqsew fejn spiċċaw il-boroż bagħtet *emails,* li tagħhom esibiet kopja[59], fejn qaltilhom li hi kienet taf biss li ddepożitathom iżda ma kienetx taf x'sar minnhom iżjed.[60] Semmiet ukoll kif oriġinarjament l-allegazzjoni kienet li naqsu €17,209.34[61] biex wara din is-somma niżlet għal €9,450.24 wara li mill-ammont finali ta €10,032.03 tnaqqset il-paga ta' €581.79c.[62] In kontro-eżami mhix kapaċi tiftakar jekk fil-borża, jew fuqha, kienx ikun hemm indikat l-ammont ta' flus depożitat fiha iżda kien jintbagħat *email* bl-ammonti depożitati filwaqt li fis-*safe* kien ikun hemm biss il-borża bil-*bag number* partikolari.[63]Ir-rendikont tal-ġurnata kien jintbagħat lil ċertu Shanice. Tikkonferma li meta kienu jinġabru l-boroż mis-*security* <u>kienet tiffirma fuq *receipt* li tindika n-numru tal-boroż li nġabru</u> iżda din ma kienitx tkun il-borża tagħha imma tal-kollega għaliex kienu jaħdmu *day in day out*. Tinsisti li hi ma kienx ikollha rendikont ta' x'ħalliet warajha l-kollega tagħha għaliex huma kienu jibgħatu *email* lill-kumpanija.[64]

Ikkunsidrati dawn il-provi għandu jingħad li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tagħmel analiżi tal-kontrolli w skrutinju li kien, jew aħjar <u>kellu</u>, jiġi eżerċitat fuq dħul ta' kumpanija ta' entita w importanza bħal ma hi il-Malta Public Transport. Ix-xiehda w il-fatti riżultanti dwar il-proċeduri mħaddma mill-kumpanija, u senjatament li kien <u>xhur wara</u> d-depożiti in kwistjoni li ġie żvelat li nstabu flejjes nieqsa, jitkellem volumi. Lanqas mhu xogħol din il-Qorti li tara

---

[55] Fol.309-311
[56] Fol.311
[57] Fol.312-313
[58] Fol.313-314**. Dok.KB** a fol.321
[59] **Dok.KB1** a fol.322 et seq
[60] Fol.314
[61] Fol.329
[62] Fol.316.Vide fol.331
[63] Fol.317-318
[64] Fol.320

kif oriġinali ta' riċevuti li fuqhom kienu jiffirmaw it-*ticket sellers*, jew aħjar kopji tagħhom, li suppost jinżammu mill-entitajiet involuti sparixxew mingħajr traċċa.[65]

Madanakollu jibqa' l-fatt li dan kollu ftit jagħmel differenza għall-mertu ta' dan il-każ tenut kont li dak li qed jiġi allegat, mhux li l-ammonti tal-flejjes fil-boroż ma qablux mad-*daily settlement*, iżda addirittura li ntbagħatu *daily settlements* ta' boroż li baqgħu qatt ma nġabru minn City Security. Għalhekk ġaladarba s-*safe* kien jinfetaħ esklussivament minn uffiċjal ta' City Security - li kien hu biss li jiġbor dawk il-boroż depożitati fih u jniżżel is-*serial number* tagħhom fuq l-irċevuta - il-fatt li t-*ticket agent* ma ffirmax għal borża li ma kienitx ġos-*safe in the first place*, ma jimmilita xejn favur la teżi ta' xi naħa jew oħra.

Il-pern tal-każ kollu jistrieħ fuq il-fatt li boroż li suppost kellhom ikunu ġos-*safe* u li tal-kontenut tagħhom l-imputata bagħtet *daily settlements*, inkluż bis-*serial number* tal-borża in kwistjoni, ghal liema *deposit bags* kienet responsabbli qatt ma nstabu fis-*safe* minn City Security.

**Ġie pruvat li kienet Bugeja li rċeviet il-flejjes minn klijenti tal-kumpanija, flejjes li għalkemm li bagħtet rendikont tagħhom fi tmiem il-ġurnata ta' xogħol tagħha, ma sabux posthom fis-*safe* li suppost kellhom jiġu depożitati fih. Il-Qorti ma temminx li l-imputata ma kienitx konxja tal-importanza tal-irċevuti li kienu l-prova li dak depożitat minnha effettivament inġabar mill-kumpanija. Ma kienitx xi novizzja w l-importanza li jiġi indikat *serial number* għarfitu propju meta l-ammont iddepożitat kien jiġi indikat fuq id-*daily settlement sheet* flimkien mas-*serial number* tal-borża li tagħha kellha kull interess iżomm l-irċevuta/ id-*detachable slip* tal-parti ta' fuq li fuqha kien hemm riprodott is-*serial number* tal-borża in kwistjoni.**

Il-Qorti temmen l-katina ta' provi ċirkostanzjali jwasslu sabiex jiġi determinat li Bugeja u ħadd iżjed, żammet għaliha flejjes li kienu jappartjenu lill-kumpanija u li ġew mgħoddija lilha mhux mill-kumpanija iżda minn klijenti tal-kumpanija, mill-pubbliku li nqeda w xtara s-servizzi tal-kumpanija.

---

[65] L-irċevuti oriġinali u ċioe id-dokumenti oriġinali li tagħhom ġiet esibita *scanned copy* minn Aaron Falzon baqgħu ma setgħux jinstabu (Vide ukoll **Dok.AFZ** a fol.277 et seq ). Rappreżentant ta' City Security iddikjara li l-oriġinal kien jingħata lill-klijent, MTP, u li dawn kienu intalbu mingħand il-pulizija. Fol.262-263) Minn naħa l-oħra *email* mibgħuta minn City Security tindika li huma użaw *"the original copy held at our offices are much clearer"* **(Dok.JMC2** a fol.267), indikazzjoni li dawn f'xi żmien kienu nżammu għand City *Security*. Kif jikkjarifika Pierre Calleja l-*original receipt* jingħata lill-klijent, MTP, iżda meta dawn ma setgħux issibuhom talbu għall-kopji li kellhom City Security li minn naħa tagħhom għaddew *scanned copy* tad-dokumenti li kellhom. Ġara iżda li l-pulizija talbet għal dawn "l-originals" li iżda ma hux magħruf jekk għaddewx għand il-pulizija.( Fol.296-297)

Għalhekk f'dan il-kwadru w tenut tax-xiehda li saret riferenza ampja għaliha aktar il-fuq, dak li hu kompitu ta' din il-Qorti hu li jiġi kunsidrat jekk il-fattispeċje ta' dan il-każ jinkwadrawx wriehom fir-reat addebitat lill-imputata u ċioe dak ta' approprjazzjoni indebita jew fir-reat minuri ta' frodi innominat kif kontemplat bl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. Biex isir dan hu essenzjali li jiġu kunsidrati l-elementi sostantivi ta' dawn iż-żewġ reati.

**Il-Liġi**

Jiġi mfakkar li fil-każ in deżamina ma nġabu l-ebda provi biex juru li l-kumpanija MPT għaddiet flusha lil Bugeja, fejn għaldaqstant hu nieqes għal kollox *l'animo di spostarsi del possesso* da parti tal-MPT. Lanqas ma ġie pruvat li Bugeja approprjat ruħha minn dawk il-flejjes billi approfittat minnhom għaliha jew għal ħaddieħor jew li saħansitra dawk il-flejjes ġew fdati lilha mill-kumpanija biex tagħmel użu speċifikat minnhom kif kontemplat bl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. Il-flejjes kienu ta' klijenti.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** intqal:[66]

> Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.
> [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Imbagħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** il-Qorti kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:[67]

> "Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
>
> 1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
>
> 2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
>
> 3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

---

[66] Deċiża 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho,** Deċiża fl-4 ta' Frar 2013
[67] Deċiża 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imħallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali iddistingwit bejn ir-reat ta′ serq w ir-reat ta′ approprjazzjoni indebita fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amadeo Pulis**:[68]

5. Bil-fatti kif allegat mill-prosekuzzjoni huma kolpiti l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Il-Qrati taghna trattaw dan ir-reat diversi drabi mill-aspett akkademiku u llum tista' tghid li hemm minjiera ta' gherf in rigward. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 flismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia** – App Krim 288/99, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bi kjarezza bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u *"il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lissid jew li jsir uzu minnha specifikat.* Fi kliem **Maino**: *"Vera restituztione e uzo determinato implicano necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario ...La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimostra, come gia dicemmo, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindi anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione"* (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

6. Tispjega l-istess Qorti, dejjem fis-sentenza citata, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista **Francseco Antolisei**: L*a figura giuridicia dell'appropriazjone indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenda. Entrambe, infatti, riguardano le cose mobili altrui; ma, mentre il furto, come se e' visto, implica nell'autore la mancanza dell'possesso, consistendo nel fatto di procurarselo (impossessamento), l'appropriazjoni indebita presume che l'agente gia possieda le cose medesime. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I, Giuffre (Milano), 1996, p. 274 – 275); ……

9. Meta kif intqal supra il-**Prof. Mamo** jaghmel referenza ghar-reat b'riflessjoni dwar ir-reat ta' serq jghid hekk: *"There are, however, cases in which exceptionally the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. These are: (i) when the delivery of possession is general and not special, or limited to particular things. Thus if a servant has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if her were to take away any of them." (*op cit. Pg 282);

[68] Per Onor. Imħallef Giovanni Grixti; Deċiża 25 ta′ Ġunju, 2020

10. Tajjeb li ssir referenza ukoll ghal dak li jghid l-**Antolisei** f'Manuale di Diritto Penali – Parte Special I – Milan Giuffre 1957. "*Richiamando quanto e' stato esposto nell'esaminare questo reato, osserviamo che, se deve ravvisarsi il furto nel caso del facchino, il quale, accompagnando il viaggiatore, si dilegua con la valigia, sussiste appropriazjoni indebita nel fatto dell'agenzia di trasporti che si impadronisce di un bagaglio che le 'e stato affidato per la consegna a domicilio. Codesta agenzia, infatti, ha la disponibilita' autonoma della cosa, cosi' come dispone in modo autonomo di un libro colui che lo ha ottenuto in prestito da una biblioteca, a differenza dell'individuo che lo ha avuto in cosegna per consultarlo in una sala di lettura della biblioteca stessa, individuo che, e sottrae il volume, commette furto" (pg 234);*

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami *funditus* dwar ir-reat ta' frodi u dak ta' serq f'każ fejn kaxxiera kienet tippermetti membri tal-familja tagħha jieħdu oġġetti minn go *supermarket,* fejn hi kienet taħdem bħala kaxxiera, mingħajr ma jiġu *scanned* u konsegwentement mingħajr ma jsir ħlas għalihom:[69]

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

[69] Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima. **Il-Pulizija vs Katia Formosa Magro**; Deċiża 23 ta' Frar 2011

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta' haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.”***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***“l'elemento del'danno patrimoniale”*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu “***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione***

***dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi l-abbli difensur ta'l-imputata tikkontendi illi l-element tal-hekk imsejjah *misc en scene* huwa nieqes. Hawnhekk ma kienx hemm mezzi ta' raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal sabiex l-vittma ta' dana ir-reat jigi ingannat mill-imputata. Il-Qorti hawnhekk taghti ragun lid-difiza. Biex jissussiti ir-reat tal-frodi jehtieg necessarjament illi s-suggett attiv jadopera mezzi sabiex igieghel lil vittma tieghu jaghmel xi haga li solitament ma kienx jaghmel, jew bil-maqlub illi igieghel lill-vittma tieghu ma jaghmilx xi haga li solitament huwa jaghmel. L-vittma irid ikun gie ingannat b'xi haga illi jaghmel il-frodatur li igieghlu jemmen realta' li fil-verita' ma tezistiex. Dana ma sehhx fil-kaz in dizamina. L-imputata kienet qed tiehu affarijiet mis-supermarket minghajr ma thallas ghalihom. Jirrizulta illi dana kien isehh meta kienu imorru jixtru gewwa s-supermarket, il-membri tal-familja taghha. L-imputata li kienet impjegata bhala kaxxiera kellha dmir fix-xoghol taghha illi tara illi il-klijenti kollha li jidhlu sabiex jixtru minn dana l-istabbiliment ihallsu ghal kull oggett li huma jakkwistaw u ighaddulha il-hlas ghalihom. Hija kienet fid-dmir tara ghalhekk li kull min ikun ser johrog mill-istabbiliment ikun qabel ghadda minn hdejha sabiex ihallas ghal dawk l-oggetti illi huwa ikun ghazel biex jakkwista. Fil-kas tal-membri tal-familja taghha, dana ma ghamlitux. Hija intenzjonlament kienet qed thalli lil dawn in-nies johorgu mill-istabbiliment minghajr ma ikunu hallsu ghal xi oggetti. Ghalhekk hija kienet il-mohh jew ahjar l-awtrici wara s-serq ta' dawn l-oggetti. Illi ghalkemm l-oggetti ma kenitx qed tehodhom hi fizikament, madanakollu dan kien l-intenzjoni taghha u cioe' illi hija tisraq dawn l-oggetti sabiex b'hekk jibbenfikaw il-membri tal-familja taghha.

Illi l-Carrara jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio*** *dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.*"[70] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

---

[70] Vide Criminal Appeal **The Police vs Mario Tanti** 09.12.1944

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel esposizzjoni dettalji ta' dak li ighidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u il-Professur Mama:

"*Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso*."

Il-Crivellari imbaghad ighid:

"*l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare*."

It-tehid jew 'l-hekk imsejjah *contrectatio* jirrisulta billi l-imputata qieghda tiehu indirettament tramite il-membri tal-familja taghha l-oggett minghajr l-intenzjoni li tirritornah. Dana it-tehid qed isir b'mod frawdolenti, minghajr il-kunsens tas-sid u ovvjament bl-intenzjoni ta'l-imputata illi taghmel qliegh mill-istess tehid, qliegh li tgawdi minnu mhux biss hi izda il-familja taghha kollha. Ghaldaqstant l-imputata ma messha qatt giet akkuzata bir-reat tal-frodi, izda bir-reat tas-serq

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, m'hemmx dubbju li kemm il-darba Bugeja għandha tinstab ħatja li qatt ma depożitat id-disa' boroż li saret riferenza għalihom, boroż kontenenti xiri ta' biljetti/servizzi mingħand il-kumpanija Malta Public Transport, iżda ħadithom u żammithom għaliha, il-fattispecje ta' dan il-każ jinkwadraw wriehom <u>mhux fir-reat ta' frodi</u> - fejn l-ingann da parti tal-imputata hu għal kollox mankanti - <u>lanqas f'dak ta approprjazzjoni indebita</u> ġaladarba ma jinkonkorrux l-elementi sostantivi ta' dan ir-reat.

Għal kuntrarju l-**fatti tal-każ jinkwadraw perfettament fir-reat ta' serq** fejn l-imputata qed tieħu flejjes mgħoddija lilha <u>mingħajr il-kunsens tal-MPT, mingħajr l-intenzjoni li tirritornahom, biex tagħmel qliegħ minnhom</u>.

Dawn huma l-elementi tar-reat ta' serq li kellha tiġi akkużata bih l-imputata. Minflok l-imputata ġiet akkużata b'reati ta' frodi w approprjazzjoni indebita.

Isegwi li l-Qorti hi prekluża milli tikkunsidra jekk jistax jirrizulta r-reat ta' serq peress li l-artikolu 476(2) tal-Kodiċi Kriminali mhux wieħed mid-dispożizzjonijiet li ġew reżi applikabbli għal Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-artikolu 525 tal-istess Kodiċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**